

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-26 ta' Settembru 2011 — Arnaldos Rosauero et vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-29/06) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Ħatra — Artikolu 5(2) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Kompetizzjoni interna għall-bidla minn kategorija għal oħra ippubblikata qabel l-1 ta' Mejju 2004 — Kandidati mniżżlin fil-listi ta' riżerva qabel l-1 ta' Mejju 2006 — Klassifikazzjoni fil-grad — Applikazzjoni ta' koeffiċjenti multiplikatur ta' inqas minn 1 — Telf ta' punti ta' promozzjoni)

(2011/C 340/66)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Andres Arnaldos Rosauero et (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti inizjalment minn S. Rodrigues u A. Jaume, sussegwentement minn S. Rodrigues, u, l-aħħar darba, minn S. Rodrigues, A. Blot u C. Bernard-Glanz, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u H. Krämer, aġenti)

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jaħtru lir-rikorrenti, uffiċjali f'kategorija C u li għaddew minn kompetizzjoni interna għall-bidla minn kategorija għal oħra, fil-grad B*3/B*4, li jżommu r-remunerazzjoni tagħhom fil-livell ta' qabel il-bidla ta' kategorija permezz tal-applikazzjoni ta' koeffiċjenti multiplikatur, u li jneħħu l-punti ta' promozzjoni tagħhom.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Kull parti għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 121, 20.5.06, p. 19.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-26 ta' Settembru 2011 — Pino vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-31/06) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Ħatra — Artikolu 5(2) tal-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal — Kompetizzjoni interna għal trasferiment minn kategorija għal oħra ppubblikata qabel l-1 ta' Mejju 2004 — Kandidat imniżżel fuq il-lista ta' riżerva qabel l-1 ta' Mejju 2006 — Klassifikazzjoni fi grad — Applikazzjoni ta' fattur ta' multiplikazzjoni inqas minn 1 — Telf ta' punti ta' promozzjoni)

(2011/C 340/67)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Marco Pino (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u H. Krämer, aġenti)

Intervenjent insostenn tal-konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: irrapreżentat inizjalment minn M. Arpio Santacruz u M. Simm, sussegwentement minn M. Bauer, J. Monteiro u K Zieleškievicz, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Annulament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jaħtru lir-rikorrenti, uffiċjali ta' kategorija B u li għaddew minn kompetizzjoni interna għal trasferiment minn kategorija għal oħra, għal impjegi ta' amministrattur, sa fejn dawn jiffissaw l-klassifiki tar-rikorrenti skont l-Anness XIII tar-Regolamenti tal-Persunal, li jżommu l-applikazzjoni ta' fattur ta' multiplikazzjoni għall-kalkolu tar-remunerazzjoni tagħhom u jneħħu l-punti ta' promozzjoni tagħhom.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Kull parti għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha.

(3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, intervenjent, għandu jbatlha l-ispejjeż tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU C 131, 03.06.06, p. 50.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-20 ta' Settembru 2011 — De Buggenoms et vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-45/06)

(Servizz pubbliku — Proċedura — Talba għal reviżjoni — Artikolu 119 tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku — Deċiżjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku — Talba għal reviżjoni relatata ma' digriet għal tħassir tal-kawża wara rinunzja għall-atti — Awtorità ta' res judicata — Assenza — Inammissibbiltà mqajma ex officio)

(2011/C 340/68)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Sandrine De Buggenoms et (Hoeilaart, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Rodrigues, C. Bernard-Glanz u A. Blot, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Berscheid, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u J. Herrmann, aġenti)

Suġġett

Rikors għal reviżjoni ppreżentat mir-rikorrenti kontra d-digriet tal-Ewwel Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, fis-16 ta' Settembru 2010, fil-Kawża F-45/06.

Dispożittiv

- (1) It-talba għal reviżjoni hija miċħuda bħala inammissibbli.
- (2) Il-partijiet li qegħdin jitolbu r-reviżjoni għandhom ibatu l-ispejjeż tal-Kummissjoni Ewropea.
- (3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, parti intervenjenti fil-kawża għal reviżjoni, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu stess.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-20 ta' Settembru 2011 — Saintraint vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-103/06 REV)

(Servizz Pubbliku — Proċedura — Talba għal reviżjoni — Artikolu 119 tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku — Deċiżjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku — Talba għal reviżjoni ta' digriet ta' tħassir sussegwenti għal rinunzja għall-atti — Res judicata — Nuqqas — Inammissibilità mqajma ex officio)

(2011/C 340/69)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Antoine Saintraint (La Paz, il-Bolivja) (rappreżentanti: S. Rodrigues, C. Bernard-Glanz u A. Blot, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Berscheid, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u J. Herrmann, aġenti)

Suġġett

Rikors għal reviżjoni ippreżentat mir-rikorrent kontra d-digriet tal-Ewwel Awla tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, tas-16 ta' Settembru 2010, fil-Kawża F-103/06.

Dispożittiv

- (1) It-talba għal reviżjoni hija miċħuda bħala inammissibbli.
- (2) Il-parti li talbet ir-reviżjoni għandha tbatlha l-ispejjeż tal-Kummissjoni.

- (3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, intervenjenti fir-reviżjoni, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tad-29 ta' Settembru 2011 — Angé Serrano vs Il-Parlament

(Kawża F-9/07) ⁽¹⁾

(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Bidla fil-kategorija taħt ir-reġim tar-regolamenti l-qodma — Regoli tranżitorji għall-klassifikazzjoni fil-grad fl-1 ta' Mejju 2004 — Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Frar 2006 — Klassifikazzjoni mill-ġdid abbażi tas-salarju tal-uffiċjali li jibbenefikaw minn allowance ta' kumpens — Fattur ta' multiplikazzjoni applikabbli — Telf ta' punti ta' promozzjoni — Talba għal kumpens)

(2011/C 340/70)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Pilar Angé Serrano (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: É. Boigelot, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: rappreżentat inizjalment minn C. Burgos u K. Zejdová, sussegwentement minn L. G. Knudsen u K. Zejdová, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: rappreżentat inizjalment minn M. Simm u I. Sulce, sussegwentement minn K. Zieleškievicz, M. Bauer u J. Monteiro, aġenti)

Suġġett tal-kawża

Annulament tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li tikklassifika mill-ġdid il-grad B*6, skala 8 tar-rikorrenti, li kienet inkluża fil-lista ta' riżerva għal kompetizzjoni interna għall-bidla fil-kategorija qabel id-dħul fis-seħħ tar-regolamenti l-qodma, skont id-dispożizzjonijiet inqas favorevoli ta' dawn tal-aħħar — Talba għad-danni.

Dispożittiv tas-sentenza

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Kull parti għandha tbatlha l-ispejjeż tagħha.
- (3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, intervenjent, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

⁽¹⁾ ĠU C 69, 24.03.2007, p. 31.